# Surmast Amante Attard

## 1926 – 1983



Twieled fil-25 ta' Frar 1926 f'Ħaż-Żebbuġ Malta. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Lyceum. Wara l-iskola sekondarja għamel xi żmien "chequer' ix-xatt u aktar il-quddiem inqabad suldat bil-lieva, fejn qiegħduħ fuq ir-Radar. Minn ma' l-Army għadda skrivan mal-Gvern u aktar tard laħaq għalliem fl-iskola Primarja ta' Ħaż-żebbuġ. Fissnin ta' bejn l-1968 u l-1970 kien jgħallem l-mużika u l-Malti fl-iskola Sekondarja tan-Naxxar, iżda billi ma tantx kien għal qalbu f'dik l-iskola, irritorna f'dik ta' Ħaż-żebbuġ, fejn laħaq Assistant Surmast.

Meta kellu tnax-il sena beda jistudja l-mużika, iżda tad-dar żammewħ milli jkompli, għax beżgħu li ttelfu l-iskola. Wara li għadda minn disa' suġġetti fil-G.C.E u ħa l-impjieg u kompla bl-istudju tal-mużika. Tgħallem idoqq il-klarinett mal-Banda San Filep ta' Ħaż-żebbuġ, taħt is-Surmast Adeodato Gatt. Beda jistudja wkoll l-armonju għand is-Surmast Joseph Casapinta FLCM fejn wara disa' xhur kiseb id-diploma A. Mus. L.C.M. Kien ser ikompli għal L.Mus. L.C.M. iżda minħabba ċirkustanza telaq il-Każin ta' San Filep u mar idoqq fil-Knejjes mas-Surmast F. Diacono u Ġużeppi Camilleri.

Fl-1961 infetaħ il-Każin 12th May f'Ħaż-żebbuġ fejn beda jifforma l-banda li daqqet għall-ewwel darba fl-1963.

Fl-1967 inħatar Surmast tal-Banda San Pawl fejn dam erbatax il-sena. Huwa ddedika l-Innu Marċ lill-Marija Addolorata li huwa wieħed mill-isbaħ kompożizzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-innu lill-Banda San Pawl. Fost kompożizzjonijiet oħra tiegħu insibu diversi marċi brijużi bħal ma huwa "Silver Wedding Day", "Dorian", "Romould", "Hilary", "Silver Monument" u ħafna oħrajn.

Fil-perjodu li għamel f'San Pawl il-Baħar, is-Sur Amante, kif kien magħruf ħarreġ diversi bandisti. Kien hemm perjodu fejn kellu anke żewġ klassijiet subien u bniet li kien fihom sbatax il-alliev.

Is-Surmast Amante Attard temm uffiċċjalment l-inkarigu tiegħu ta' Surmast tal-Każin tal-Banda San Pawl, lejlet il-Festa ta' Marija Addolorata, is-Sibt 25 ta' Lulju 1981. Mexxa għall-aħħar darba l-Innu f'ċerimonja qasira għadda l-bacchetta lis-Surmast il-ġdid tal-Banda San Pawl l-Mro. Charles Cachia.

Huwa miet fl-età ta' 57 nhar it-2 ta' Mejju 1983.